**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL V. ARRIGO, LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 19 ta' April, 2001**

**Numru**

**Att ta' Akkuza Nru. 7/00**

**Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Kenneth Caruana**

**Il-Qorti,**

Din hija sentenza fuq appell maghmul mill-akkuzat Kenneth Caruana kontra s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali moghtija fl-24 ta' Lulju, 2000, fl-atti ta' din il-kawza, liema sentenza taqra kif gej:-

"Il-Qorti :

Rat l-Att ta'Akkuza 7/2000.

Rat in-Nota ta' l-akkuzat Kenneth Caruana datata 7 ta'April, 2000, li biha eccepixxa in linea preliminari is-segwenti :

a. Illi d-diskrezzjoni moghtija lill-Avukat Generali li jiddeciedi hu jekk jirrinvja certi kazijiet taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta'Malta lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali JEW jipprezenta Att ta' Akkuza quddiem il-Qorti Kriminali, hija diskrezzjoni antikostituzzjonali, kif ukoll hija diskriminatorja b'mod illi l-akkuzat eccipjent ser jinghata trattament ingust;

b. Illi l-parti fejn hemm il-paragrafi f'kull Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, li hemm qabel il-parti akkuzatorja, hija nulla, stante li m'hiex kontemplata mill-ligi bhala parti formanti mill-Att ta' l-Akkuza;

c. Illi l-piena mitluba m'hiex dik kontemplata fil-Ligi, stante li l-akkuzat kien minorenni fiz-zmien ta' l-allegati delitti; u
d. Illi r-Raba (4) u l-Hames (5) Kapi ta' l-akkuzi huma nulli stante li ma jista' jkun hemm l-ebda rabta bejn il-fatti kif allegati w l-ligi ndikata.

Semghet is-sottomissjonijiet ta' l-Avukati taz-zewg nahat dwar dawn l-eccezzjonijiet preliminari waqt is-seduta tal-25 ta'Mejju, 2000.

**IKKUNSIDRAT :**

**Fuq l-ewwel eccezzjoni** : Hawnhekk dak li qed jghid l-akkuzat huwa, skond hu, l-inaccettabilita' legali u kostituzzjonali tal-fatt li bl-ghazla ta' l-Avukat Generali, persuna ghall-istess fatt jista' jehel piena sostanzjalment akbar jekk jigi processat quddiem il-Qorti Kriminali minn dik li jista' jehel jekk jigi processat u gudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali.

Skond l-akkuzat dan l-aspett ta' l-antikostituzzjonalita' ta' din id-diskrezzjoni rizervata esklussivament lill-Avukat Generali, f'dan il-kaz tieghu partikolatri, jispikka aktar meta wiehed jikkunsidra li fiz-zmien ta' l-allegati reati hu kien ghad kellu biss sittax (16) il-sena, ghandu fedina penali netta, u qed jigi msejjah biex jghaddi guri fejn il-piena hija dik massima li tghati l-ligi, cioe' dik ta'prigunerija ghall-ghomor, meta fuq l-istess reati addebitati lilu l-piena massima li tista' timponi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali ma teccediex l-ghaxar (10) snin ta'prigunerija, apparti l-fatt ukoll li hemm differenza sostanzjali wkoll fil-parti tal-piena pekunarja.

Ghalhekk l-ilment ta' l-akkuzat jikkonsisti fil-fatt li, skond hu, dan il-fatt antikostituzzjonali li jaghmel il-piena f'dawn it-tip ta'reati tiddependi mhux fuq jew mill-fatt, izda biss u esklussivament fuq l-ghazla arbitrarja ta' l-Avukat Generali, huwa fattur antikostituzzjonali gravi li jmur kontra l-principju fondamentali li l-ligi hija wgwali ghal kulhadd.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi eccezzjoni identika ghal dik ta' l-akkuzat odjern gja' giet ampjament trattata w deciza f'proceduri ohra, li maghhom m'ghandu x'jaqsam xejn dan l-akkuzat, u dan skond sentenza moghtija mill-*Qorti Civili Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) fl-1 ta'Awwissu, 1989 (Rikors 255/1989), kif konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta'Settembru, 1990, fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta –vs- Emanuel Grech, David Grech u Philip Grech",* minnfejn jirrizulta li l-allegata antikostituzzjonalita' msemmija illum hija ezawrita billi gie deciz hemm li l-Artikoli 22 (2), 31 u 32 ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), li jaghtu lill-Avukat Generali d-diskrezzjoni msemmija, ma jmorrux kontra l-Artikolu 39 (1) u (8) tal-Kostituzzjoni ta'Malta w l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ghalhekk, l-ewwel eccezzjoni ta' l-akkuzat hija michuda.

**<u>Fuq it-tieni eccezzjoni :</u>** L-akkuzat hawnhekk, bazikament, qed jilmenta fuq l-istil jew forma adottat mill-Avukat Generali fil-formulazzjoni tieghu ta'kull Kap li hemm f'dan l-Att ta'Akkuza. L-akkuzat ihoss li meta dan l-Att ta'Akkuza jigi 'edited', li hija l-espressjoni jew kelma li uza hu fin-Nota ta'eccezzjonijiet tieghu, sabiex dan l-Att ta'Akkuza wara jinghata lill-gurati, b'mod li jithalla barra l-paragrafu ta' l-ahhar qabel il-parti akkuzatorja f'kull Kap, liema paragrafu juri xi antecedenti tieghu, kif ukoll il-paragrafu li jsemmi l-piena applikabbli f'dan il-kaz, il-gurati sejrin jindunaw li hemm xi haga nieqsa. Hi ghal din ir-raguni li l-akkuzat qed jeccepixxi n-nullita' ta'dawn il-paragrafi ghaliex, skond hu, il-ligi ma tikkontemplax tali paragrafi bhala formanti parti mill-Att ta'Akkuza.

L-akkuzat huwa skorrett. L-Artikolu 589 tal-Kodici Kriminali, li jitratta x'ghandu jkun fih l-Att ta'Akkuza, u specifikatament is-subinciz (d) tieghu, jghid li l-parti akkuzatorja trid tispecifika r-reat migjub kontra l-akkuzat, kif ukoll talba ghall-kundanna ta' l-akkuzat ghall-piena stabbilita mill-ligi, u dan ukoll billi jissemma l-Artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat, jew kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata.

Barra minn hekk, is-subinciz ( c ) ta'dan l-Artikolu 589 jgid ukoll li l-paragrafi ta'qabel l-akkuza w il-piena hekk specifikati skond is-subinciz (d) imsemmi, u allura fil-parti esposittiva ta'kull Kap, l-Avukat Generali ghandu jfisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistghu jinghataw dwar iz-zmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra taghha jkun sar ir-reat, jekk ikun il-kaz, flimkien mac-cirkostanzi kollha li, skond il-ligi, u fil-fehma ta' l-Avukat Generali, jistghu jkabbru jew inaqqsu l-piena.

Illi minn dan id-dispost u minn ezami tal-forma jew stil kif irrediga kull Kap ta' l-Att ta'Akkuza 7/2000, huwa evidenti allura li l-Avukat Generali mexa precizament kif timponi fuqu l-ligi skond il-kwotat Artikolu 589 tal-Kap. 9.

Kif hija mpoggija din it-tieni eccezzjoni ta' l-akkuzat, jidher li hu qed jikkontendi li l-parti esposittiva f'kull Kap, u fil-forma kif miktuba, hija nulla ghaliex il-ligi, skond hu, ma tikkontemplax li dik il-parti ghandha tifforma parti mill-istess Att ta'Akkuza. Iz-zewg subincizi msemmija juru li l-akkuzat huwa zbaljat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi fit-trattazzjoni verbali ta' din l-eccezzjoni, l-avukat difensur ta' l-akkuzat spjega din l-eccezzjoni billi qal li meta jsir l-'editing' ta' kull Kap b'mod li ebda antecedent ta' l-akkuzat u l-piena li tintalab jigu a konjizzjoni tal-gurati, kif trid il-ligi, dawn sejrin jindunaw li hemm xi haga nieqsa f'kull Kap ta' l-Att ta'Akkuza u dan il-fatt jista' jqajjmilhom xi suspett.

Illi l-ewwel nett u bir-rispett kollu lejn l-avukat difensur, dan l-argument tieghu hu bazat biss fuq ipotesi jew kongettura ghaliex hu mpossibbli li tkun taf x'jistghu jew x'ma jistghux jahsbu l-gurati. Li huwa mportanti w essenzjali, u hu dan li trid il-ligi, hu li l-gurati ma jkunux gew b'xi

mod mgharffa b'xi antecedent ta' l-akkuzat u bil-piena li l-ligi tistabbilixxi ghar-reati li huwa akkuzat bihom. X'jistghu jahsbu jew jissusspettaw l-gurati ghalhekk huwa rrilevanti.

Barra minn hekk, l-akkuzat huwa wkoll skorrett meta jghid li ser ikun hemm parti 'in bjank' f'kull Kap ta' dan l-Att ta'Akkuza meta jigi 'edited'.

Jekk wiehed jara w jezamina sewwa l-forma kif gie redatt kull Kap, jinnota li l-ewwel hemm il-parti espositiva li tispicca bil-paragrafu bit-titolu 'Konsegwenzi', u li immedjatament warajh hemm il-paragrafu tal-parti akkuzatorja bit-tiolu 'Akkuzi' li jibda bil-kelma 'Ghaldaqstant'. Dik il-parti li ghandha tithalla barra w ma tistghax tinghata lill-gurati hija l-ahhar parti jew paragrafu fil-parti akkuzatorja li tibda bil-kliem 'U peress li b'sentenza..' u l-paragrafu shih taht it-titolu 'Piena'.

Dan ifisser, ghalhekk, li meta jsir dan l-'editing' li qed isemmi l-akkuzat, imkien u fl'ebda Kap ta' dan l-Att ta'Akkuza ma ser ikun hemm xi parti 'in bjank', kif qed jallega l-akkuzat, li b'xi mod tista' tghati lok ghal xi suspett jew hsieb f'mohh il-gurati. Fil-fatt il-forma wzata mill-Avukat Generali f'dan l-Att ta'Akkuza 7/2000 hija tali li certament ma hu ser ikun hemm l-ebda parti tieghu 'in bjank' fil-kopja li tinghata lill-gurati. Dan ghaliex din il-kopja tkun precizament kif tidher fl-original u tispicca bil-paragrafu fil-parti ta' l-akkuzatorja qabel ma jibda l-paragrafu bil-kliem 'U peress li b'sentenza…'.

Ghalhekk, din it-tieni eccezzjoni hija michuda.

**<u>Fuq it-tielet eccezzjoni</u>** : Hawnhekk kjarament japplika, f'kaz ta' sejbien ta'htija, l-Artikolu 37 tal-Kodici Kriminali fejn jghid li jekk il-hati, fiz-zmien li kkommetta r-reat, kien ghalaq l-eta' ta' erbatax (14) il-sena, izda ma kienx ghalaq l-eta' ta'tmintax (18) il-sena, bhal apparentement hu il-kaz odjern u f'kaz li l-akkuzat Kenneth Caruana jinstab hati ta' l-akkuzi dedotti kontrih, jew xi wahda jew whud minnhom, il-Qorti, f'dak il-kaz, ghandha tnaqqas grad jew tnejn mill-piena li hija applikabbli ghar-reat jew reati li taghhom l-akkuzat ikun instab hati. Dan l-obbligu qieghed ghalhekk fuq il-Qorti jekk jirrizulta dan il-fatt ta' l-eta', u wara li tinstab htija.

Dan mela jfisser li l-piena li talab l-Avukat Generali fir-realta' hi l-piena li l-ligi tistabbilixxi ghar-reati addebitati lill-akkuzat u dan skond l-Artikolu 589 (d) tal-Kap. 9. Minn dan l-aspett, u rrespettivament mill-eta' ta' l-akkuzat, ghaliex jekk kienx ghalaq l-14 il-sena u ma kienx ghalaq l-eta' ta' 18 il-sena meta allegatament ikkommetta r-reati attribwiti lilu hi kwistjoni ta'fatt li ghad irid jigi stabbilit mill-Guri, l-Avukat Generali qatt ma setgha, minn jeddu, jitlob xi piena ohra minn dik li tghid il-ligi anke jekk kien jirrizultalu li l-akkuzat fiz-zmien li allegatament ghamel dawn ir-reati kien ghad ghandu biss 16 jew 17 il-sena. Bil-ligi, l-Avukat Generali hu tenut u obbligat li jitlob l-piena indikata mill-ligi ghal dawk ir-reati. Hija biss il-Qorti, imbaghad, wara li l-akkuzat jinstab hati, li f'dak il-kaz ghandha l-obbligu li tnaqqas il-piena tal-ligi bi grad jew tnejn kif jidrilha hi.

Ghalhekk din it-tielet eccezzjoni ta' l-akkuzat, kif minnu mpostata, hija respinta, b'dan pero' li l-Qorti qed tiddikjara li hija obbligata li tapplika l-Artikolu 37 tal-Kodici Kriminali fi-mument u jekk ikun il-kaz.

**<u>Fuq ir-raba eccezzjoni</u>** : Hawnhekk din l-eccezzjoni tirreferi biss ghar-Raba (4) u il-Hames (5) Kapi li, skond l-akkuzat, huma nulli ghaliex ma hemm ebda rabta jew konnessjoni bejn il-fatti allegati fil-parti esposittiva w l-parti akkuzatorja taghhom rispettivament.

L-ewwel nett, ghandu jigi rilevat li kif hu ben saput, l-Avukat Generali mhux marbut li bil-provi li jressaq waqt is-smigh tal-proceduri juri jew jipprova li dawn l-fatti huma ezattament, f'kull dettal, preciz bhal ma huma l-fatti minnu allegati fil-parti espositiva. Il-fatti rizultanti mill-provi jistghu jvarjaw minn dawk msemmija fil-parti espositiva semplicement minhabba r-raguni li l-fatti fil-parti espositiva huma biss allegazzjonijiet ta' xi fatti mwettqa mill-akkuzat u bla ebda mod ma jikkostitwixxu prova li torbot, filwaqt li l-fatti li jirrizultaw mill-provi biss huma dawk li huma prova w li in bazi taghhom il-Guri ghandu jiehu decizjoni. Li hu importanti hu li l-fatti li jirrizultaw mill-provi sostanzjalment huma l-istess fatti fl-Att ta' l-Akkuza, u li, allura, ghandhom iwasslu sabiex jipprovaw sal-grad tal-konvinciment morali l-akkuzi addebitati lill-akkuzat.

Dan ifisser, mela, li l-Avukat Generali, ghal dik li hu l-Att ta' l-Akkuza, hu b'ligi marbut li jipprova r-reat jew reati li hemm taht kull Kap, u jekk il-fatti juru xi reat iehor li l-akkuzat mhux akkuzat bih, li ovvjament ma jkunx xi reat kompriz jew involut fir-reat imsemmi fl-akkuza, f'dak il-kaz l-akkuza kif imressqa kontrih ma tkunx ipprovata stante li akkuzat ma jistghax jinstab hati ta' xi reat li mhux dak li hu akkuzat bih.

Issa fir-Raba w l-Hames Kapi, kull ma qed jghamel l-Avukat Generali hu li qed jakkuza lill-Kenneth Caruana li xjentement kellu fil-pussess tieghu xi pilloli trankwillizzanti u ta' effett ipnotiku rispettivament, bi ksur ta' disposizzjonijiet tal-Kap. 31, minghajr ma qed jispecifika x'tip jew isem ta' dawn il-pilloli. Hu veru li l-isem ta' dawn il-pilloli hu indikat biss fil-parti espositiva, u dan bhala li huma pilloli jew medicini psikotropici, pero', kif gja' intqal, dak li l-Avukat Generali hu tenut li jipprova hawnhekk hu l-effett tal-pilloli kif imsemmi fir-Raba u l-Hames Kap, trankwillizzanti u ipnotiku rispettivament.

Ghalhekk dan ifisser li l-Avukat Generali huwa marbut li jipprova l-fatti rizultanti mill-provi, cioe', li l-akkuzat kellu fil-pussess tieghu, minghajr permess jew awtorizzazzjoni, xi medicini perikoluzi konsistenti f'pilloli kif imsemmi fir-Raba u l-Hames Kap, trankwillizzanti u ipnotiku rispettivament.

Ghalhekk dan ifisser li l-Avukat Generali huwa marbut li jipprova l-fatti rizultanti mill-provi, cioe', li l-akkuzat kellu fil-pussess tieghu, minghajr permess jew awtorizzazzjoni, xi medicini perikoluzi konsistenti f'pilloli trankwillizzanti u ta' effett ipnotiku li huma kontrollati taht it-Tielet Skeda, Taqsima B tal-Kap. 31., irrespettivament l-isem xjentifiku taghhom li huwa msemmi fi-parti espositiva u li, allura, jista' jvarja mill-fatti rizultanti. Li huwa

importanti hu mhux tant li l-provi juru li l-akkuzat, xjentement kellu fil-pussess tieghu dawk il-pilloli trankwillizzanti u ta' effett ipnotiku li isimhom jidher fil-parti espositiva tar-Raba w tal-Hames Kapi, imma li l-fatti li jirrizultaw mill-provi juru sal-grad rikjest mill-ligi li l-akkuzat, xjentement, kellu fil-pussess tieghu dawk il-pilloli, dawk il-medicini psikotropici li huma kontrollati bit-Tielet Skeda, Taqsima B tal-Kap. 31.

Illi barra minn dan, waqt is-sottomissjonijiet verbali li saru mill-avukat difensur ta' l-akkuzat fuq din ir-raba u l-ahhar eccezzjoni tieghu, dak li huwa allega f'din l-eccezzjoni, cioe', li ma hemm ebda rabta bejn il-fatti w l-ligi indikata, kemm fir-Raba kif ukoll fil-Hames Kapi, fis-sens li l-fatti esposti f'dawn il-Kapi ma jammontawx ghar-reati msemmija hemmhekk, bla ebda mod ma ssostanzja din l-allegazzjoni kif hu tenut li jghamel skond il-ligi.

Ghalhekk anke din l-ahhar eccezzjoni ta' l-akkuzat hija michuda.

Il-Qorti, ghalhekk, issa tordna li dawn il-proceduri jitkomplew bl-appuntament u smigh tal-Guri”.

L-akkuzat l-appell tieghu interponieh permezz ta’ rikors ta’ l-appellipprezentat fis-27 ta’ Lulju, 2000, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka d-decizjoni appellata u tilqa’ l-eccezzjonijiet tieghu kif sollevati fin-nota msemmija fl-istess rikors.

Propjament, ghalkemm l-appellant qed jitlob li jigu akkolti l-eccezzjonijiet kollha minnu sollevati fi prim’istanza, in realta’, l-appell huwa limitat ghall-ewwel, it-tielet u r-raba’ eccezzjonijiet peress li, ex admissis, huwa ma appellax mid-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti nkwantu cahdet it-tieni eccezzjoni tieghu.

L-ewwel aggravju ta’ l-appellant jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni tieghu li giet michuda mill-ewwel Qorti u t-tezi ta’ l-appellant hija li fis-sistema taghna ma jezistix il-precedent u li, mhux dejjem huwa salutari li l-Qorti ma tidholx biex tikkonsidra aspett legali jew eccezzjoni legali partikolari minhabba li l-istess ikun gie deciz diga’ fi proceduri ohra precedentement. In realta’ huwa jikkritika s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti inkwantu din cahditlu l-ewwel eccezzjoni tieghu fuq il-bazi li l-kwistjoni kienet diga’ giet dibattuta quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali, kif ukoll quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, u anke il-Qorti Kostituzzjonali u huwa jsostni li l-fatt li dan il-punt diga’ gie dibattut f’okkazzjoni wahda jew tnejn u deciz minn dawn il-Qrati f’dawn l-okkazzjonijiet precedenti, ma jfissirx li ma setghax jitqajjem mill-gdid, kif ma jfissirx ukoll li llum, wara tant snin, dawn il-Qrati ghandhom, necessarjament, jiddeciedu l-istess punt bl-istess mod kif iddecidewhom precedentement.

In realta’ din il-Qorti, ghalkemm tifhem, tapprezza, u taqbel ma’ hafna minn dak li qed jissottometti l-appellant, fis-sens illi f’pajjizna, fis-sistema guridiku ma japplikax il-principju tal-precedent jew ta’ “stare decisis” hija assolutissimament korretta. Mill-banda l-ohra ma jfissirx, u qatt ma gie accettat, illi d-decizjonijiet ta’ dawn il-Qrati moghtija fuq xi punti partikolari fil-passat qishom bhallikieku ma nghatawx u li kull darba li l-istess argument lejali jew sottomissjoni terga’ ssir fi proceduri godda, huwa bhallikieku dak il-punt qatt ma gie dibattut u deciz precedentement u ghandu dejjem jibda jigi trattat halli jigi deciz ex novo u dan minghajr referenza ghall-

gurisprudenza specjalment jekk din tkun wahda kostanti. Mhux hekk. Infatti, fis-sistema taghna diga' gie stabbilit kemm-il darba illi normalment meta Qorti Superjuri tippronunzja ruhha fuq xi punt partikolari, dan ghandu jittiehed in konsiderazzjoni minn Qorti Inferjuri, ghalkemm hu anke koncess illi kull Qorti tista' titbieghed minn dik il-gurisprudenza jekk ikollha ragunijiet validi biex taghmel hekk u tindikahom fis-sentenza. In realta', pero', sakemm ma jingiebux 'il quddiem ragunijiet validi biex gurisprudenza, specjalment jekk hija wahda kostanti tul is-snin tigi modifikata jew addirittura revokata, dik il-gurisprudenza ghandha tigi rispettata. Mhux in forza ta' xi principju ta' precedent, imma ghaliex huwa principju salutari li hemm ghandu jkun ghall-fini ta' dik li hi certezza tad-dritt.

Dak illi f'dan l-appell – kif lanqas fis-sentenza appellata – ma ssemma', huwa illi meta kien inqala' l-kaz ta' "Ir-Republika ta' Malta – vs – Emanuel Grech, David Grech u Philip Grech", wara illi gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali li d-disposizzjoni rigwardanti l-prerogativa ta' xelta li ghandu l-Avukat Generali ma kienetx leziva tad-drittijiet fondamentali li kien qed jakkampa r-rikorrent f'dak il-kaz, l-istess rikorrent kien ha l-kaz tieghu quddiem il-Kummissjoni tal-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li kienet iddeklinat li tirreferih lill-istess Qorti wara li waslet ghall-konkluzzjoni li ma kienetx qed tintravvedi l-ksur, il-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent kif reklamat minnu. Jizdied illi ghalkemm anqas id-decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem f'kazi ohra ma japplikaw necessarjament ghall-kaz prezenti, ciononostante, wiehed jifhem li l-portata tad-decizjoni tal-Kummissjoni ta' dik il-Qorti Ewropeja ghandha wkoll l-importanza taghha ghaliex certament iddghajjef it-tezi ta' l-appellant.

Din il-Qorti tikkonfessa illi d-disposizzjoni tal-ligi li taghti l-fakolta' lill-Avukat Generali li jaghzel fejn jigi processat l-akkuzat f'kazijiet bhal dan odjern, tippreokkupa lil min ghandu interess illi jara li kemm jista' jkun kullhadd jigi trattat l-istess. Dana specjalment minhabba illi s-sitwazzjoni ta' min jigi gudikat quddiem il-Qorti Kriminali fuq decizjoni mehuda mill-Avukat Generali certament hija hafna iktar gravuza minn dik ta' min jigi gudikat mill-Qorti tal-Magistrati. In realta', pero', apparti li hemm raguni ghala l-ligi hi kif inhi, wiehed jistenna wkoll, kif ma hemmx dubju li dejjem sar, li l-Avukat Generali juza din il-prerogattiva fid-dehen tieghu u b'mod gust u ekwu. Pero' jibqa' l-fatt li l-Avukat Generali ghandu din il-prerogattiva u jekk wiehed jidhol fil-fond, kif effettivament dahlet fil-fond il-Qorti Kostituzzjonali, din il-Qorti, kif anke l-Qorti Kriminali fil-kazijiet precedenti li ghalihom saret riferenza, wiehed isib li hemm ragunjiet validi, li difficli targumenta kontra taghhom, li jikkostitwixxu l-bazi ghala l-legislatur taghna, bhal legislaturi ohrajn barranin, opta ghal din is-sistema fejn jaghti lill-Avukat Generali dan id-dritt ta' ghazla u li l-akkuzat ma jistax jikkontesta.

In realta', din mhix kwistjoni ta' li issa ghadda zmien bizzejjed minn meta gew decizi l-kawzi l-ohra biex din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni opposta ghal dik raggunta f'dawk il-kazijiet, imma hija tappa ohra fl-ezercizzju ta' l-ezami, ta' l-iskrutinju tad-disposizzjoni legali relattiva biex din il-Qorti tara jekk hemmx ragunijiet godda migjuba 'l quddiem li abbazi taghhom hija tista' tasal ghall-konkluzzjoni differenti minn dawk ta' qabel, u anke jekk ma hemmx tali ragunijiet gejjin min-naha ta' min qed jikkontesta l-legalita' ta' din id-disposizzjoni, jekk hi stess tahsibx illi hu l-kaz li timmodifika, tirriforma jew addirittura taqleb il-gurisprudenza minnha stess krejata snin ilu.

Fuq hekk din il-Qorti hasbet fit-tul u ma tahsibx li hemm ragunijiet validi biex tvarja l-gurisprudenza precedenti. Infatti tara li, ghalkemm ma tqisx din id-disposizzjoni bhala l-idejal li ghandu jigi segwit dejjem u f'kull kaz, mhux il-kaz li jsir tibdil fil-gurisprudenza gia stabbilita in materja.

Ghalhekk, kwantu jirrigwarda dan l-ewwel aggravju din il-Qorti ma tarax li tista' takkoljih ghalkemm terga' tirribadixxi li hu aggravju li hu ta' certa mportanza.

Kwantu jirrigwarda t-tieni eccezzjoni tieghu, kif hemm fir-rikors ta' l-appell id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti mhix qed tigi kontestata.

Kwantu jirrigwarda t-tielet eccezzjoni l-appellant jissottometti li hu ma jaqbilx li fil-kaz odjern il-fattur ta' l-eta' tieghu hija kwistjoni ta' fatt imholli f'idejn il-gurati. Jekk wiehed jezamina sew l-Att ta' l-Akkuza, l-istess prosekuzzjoni qeghda tiddikjara u taccetta li huwa m'hu hadd hlief Kenneth Caruana bin Emanuel u Maria Concetta neé Debono, imwieled fis-17 ta' Dicembru, 1980. Mela dan mhux xi fatt kontestat fl-Att ta' l-Akkuza u kwindi a tenur stess ta' dak li ddecidiet l-ewwel Qorti, kwantu jirrigwarda t-tieni eccezzjoni, din l-eccezzjoni kien jimmeritalha li tigi akkolta.

In realta' din il-Qorti ma tarax tant valur f'din is-sottomissjoni u taqbel ma' dak li ddecidiet l-ewwel Qorti li effettivament il-mod regolari kif kellhom isiru l-affarijiet, u kif effettivament saru, kien li l-Avukat Generali jakkuza lill-akkuzat odjern u jitlob l-applikazzjoni tal-piena kif hemm prevista fil-ligi. Imbaghad jekk ghandix tigi applikata piena inqas minhabba l-eta' tieghu, dik tkun kwistjoni biss ta' piena li tigi epurata u deciza wara u jekk ikun hemm s-sejbien ta' htija. Altrimenti l-fatt, illi anke l-prosekuzzjoni jidher li mhux qed tikkontesta, dwar l-eta' ta' l-akkuzat, m'hu ta' ebda utilita' ghalih f'dan l-istadju ghaliex, kif inghad, din l-utilita' titwieled biss wara li jkun hemm sejbien ta' htija u ghall-fini ta' piena. Ghalhekk dan l-aggravju mhux ser jigi akkolt.

Imbaghad fl-ahhar nett l-appellant ghandu aggravju li jirrigwarda r-raba' u l-hames eccezzjonijiet tieghu. Huwa jissottometti li dawn kellhom jigu akkolti in linea ta' decizjonijiet moghtija minn din il-Qorti, partikolarment fil-kawza "Il-Pulizija vs. Steve Abela" li ma jsemmix meta giet deciza!!

Proprjament din kienet eccezzjoni wahda li tkopri r-raba u l-hames kap ta' l-Att ta' Akkuza u in realta' ftit timmerita attenzjoni minn din il-Qorti, peress li ma tara assolutament ebda valur intrinsiku fiha li talvolta jimmerita xi decizjoni differenti min dik raggunta mill-ewwel Onorabbli Qorti. Inkwantu l-appellant qieghed jasserixxi li dawn iz-zewg Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza huma nulli ghaliex ma hemm ebda rabta jew konnessjoni bejn il-fatti allegati fil-parti espositiva u l-parti akkuzatorja taghhom. Ghalhekk m'hemm assolutament ebda fondatezza fl-argument migjub 'il quddiem mill-appellant. Infatti din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti illi l-fatt li f'parti mill-akkuza m'hemmx specifikat x'tip jew isem ghandhom Il-pilloli trankwillizzanti jew ta' effett ipnotiku rispettivament, ma jista' qatt iwassal ghal dikjarazzjoni tan-nullita' ghar-rispettivi kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza, kemm minhabba li effettivament dak li jrid jipprova l-Avukat Generali huwa l-ksur tad-disposizzjoni partikolari tal-ligi li fuqha qed jakkuzah, kif ukoll, ghax wara kollox l-Avukat Generali ghandu hafna spazju fejn jirrigwarda l-mod kif jirredigi l-parti espositiva tal-kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza. F'dan il-

kaz partikolari din il-Qorti m'hi qed tara l-ebda irregolarita', anqas minima, li tista' twassal ghal xi nullita'.

Ghalhekk l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata. L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi.

Dep/Reg
mm